# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 710/2008

## ta' l-24 ta' Lulju 2008

## li jiffissa l-koeffiċjenti li għandhom jintużaw fil-kalkolu tal-prezz tas-suq Komunitarju tal-karkassi tal-majjal għas-sena tas-suq 2008/2009

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ([1]), u partikolarment l-Artikolu 43 tiegħu,

Billi:

(1) Il-prezz tas-suq Komunitarju għall-karkassi tal-majjal, kif stipulat fl-Artikoli 17 u 37 tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007, għandu jiġi stabbilit billi jiġu kkalkolati l-prezzijiet irreġistrati f'kull Stat Membru b'koeffiċjenti li jirriflettu d-daqs relattiv tal-popolazzjoni tal-majjali f'kull Stat Membru.

(2) Dawn il-koeffiċjenti għandhom jiġu ddeterminati fuq l-għadd ta' majjali magħduda fil-bidu ta' Diċembru ta' kull sena skond id-Direttiva tal-Kunsill 93/23/KEE ta' l-1 ta' Ġunju 1993 dwar stħarriġ ta' statistika li jrid ikun imwettaq dwar il-produzzjoni tal-majjal ([2]).

(3) Fid-dawl tar-riżultati taċ-ċensiment ta' Diċembru 2007, għandhom jiġu stabbiliti koeffiċjenti ta' kalkolu ġodda għas-sena tas-suq 2008/2009, u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 846/2009 għandu jitħassar ([3]).

(4) Billi s-sena tas-suq 2008/2009 tibda fl-1 ta' Lulju 2008, dan ir-Regolament għandu jiġi applikat minn din id-data.

(5) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-koeffiċjenti ta' kalkolu msemmija fl-Artikoli 17 u 37 tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Ir-Regolament (KE) Nru 846/2007 huwa b'dan imħassar.

*Artikolu 3*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Lulju 2008.

Dan ir-Regolament għandu japplika fl-intier tiegħu u huwa applikabbli direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 24 ta' Lulju 2008.

*Għall-Kummissjoni*

Mariann FISCHER BOEL

*Membru tal-Kummissjoni*

([1]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 510/2008 (ĠU L 149, 7.6.2008, p. 61).

([2]) ĠU L 149, 21.6.1993, p. 1. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 1882/2003 (ĠU L 284, 31.10.2003, p. 1).

([3]) ĠU L 187, 19.7.2007, p. 3.

*ANNESS*

**Il-koefiċċjenti li għandhom jintużaw fil-kalkolu tal-prezz tas-suq Komunitarju tal-karkassi tal-majjal għas-sena tas-suq 2008/2009**

*L-Artikoli 17 u 37 tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007*

| | |
|---|---|
| Il-Belġju | 3,9 % |
| Il-Bulgarija | 0,6 % |
| Ir-Repubblika Ċeka | 1,7 % |
| Id-Danimarka | 8,2 % |
| Il-Ġermanja | 16,9 % |
| L-Estonja | 0,2 % |
| Il-Greċja | 0,6 % |
| Spanja | 16,3 % |
| Franza | 9,4 % |
| L-Irlanda | 1,0 % |
| L-Italja | 5,8 % |
| Ċipru | 0,3 % |
| Il-Latvja | 0,3 % |
| Il-Litwanja | 0,6 % |
| Il-Lussemburgu | 0,05 % |
| L-Ungerija | 2,4 % |
| Malta | 0,05 % |
| L-Olanda | 7,3 % |
| L-Awstrija | 2,0 % |
| Il-Polonja | 11,0 % |
| Il-Portugall | 1,5 % |
| Ir-Rumanija | 4,1 % |
| Is-Slovenja | 0,3 % |
| Is-Slovakkja | 0,6 % |
| Il-Finlandja | 0,9 % |
| L-Iżvezja | 1,1 % |
| Ir-Renju Unit | 2,9 % |